DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Lulju 2012

dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru SA.33114 (2012/C) (ex. 2011/NN) – il-Polonja Għajnuna li allegatament ngħatat lit-tarzna CRIST

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 5057)

(It-test bil-Pollakk biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/9/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikulari, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikulari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li stiednet lill-partijiet interessati jressqu l-osservazzjonijiet tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmijin hawn fuq [1],

Billi:

I. PROĊEDURA

(1) Fis-6 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni adottat żewġ deċiżjonijiet ta' rkupru [2] fir-rigward ta' għajnuna li kienet ngħatat mhux skont ir-regolamenti lit-tarzni ta' Gdynia u Szczecin (minn issa 'l quddiem "it-tarzna ta' Gdynia" u "it-tarzna ta' Szczecin") u li ppermettiet li ssir proċedura speċjali ta' bejgħ. L-awtoritajiet Pollakki ngħataw l-opportunità li jbigħu, f'lottijiet, l-assi tat-tarzni permezz ta' sejħiet għall-offerti miftuħin, trasparenti, bla kundizzjonijiet u bla diskriminazzjoni.

(2) Fil-qafas tal-proċedura tal-irkupru tal-għajnuna, il-Kummissjoni talbet għal kjarifiki dwar il-proċeduri tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni. Wara li fl-istampa ġie rrappurtat li seta' ġara li, f'Settembru 2010, l-Aġenzija għall-Iżvilupp Industrijali (l-Agencja Rozwoju Przemysłu, minn hawn 'il quddiem "l-ARP"), li hija tal-Istat, ħarġet selfa (minn hawn 'il quddiem "il-miżura") lil Crist S.A. (minn issa 'l quddiem "il-Crist" jew "l-impriża") biex din tixtri ċerti assi tat-tarzna ta' Gdynia, f'laqgħa li kellha fit-22 ta' Ottunru 2010 mal-awtoritajiet Pollakki l-Kummissjoni talbet għal kjarifiki dwar din il-kwistjoni. L-awtoritajiet Pollakki spjegaw il-pożizzjoni tagħhom u impenjaw ruħhom li jgħaddulha l-informazzjoni u l-provi dokumentati kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tranżazzjoni. L-informazzjoni ntbagħtet fil-25 ta' Novembru 2010 u fil-5 ta' Diċembru 2011.

(3) Fis-6 ta' Diċembru 2011 il-Kummissjoni ltaqgħet mal-awtoritajiet Pollakki.

(4) Bejn il-Viċi President Almunia u l-Ministru tat-Teżor tal-Polonja, Aleksander Grad, għaddiet korrispondenza li wasslet biex, fil-25 ta' Ottubru 2011, is-sur Grad bagħat ittra li biha għarraf lill-Kummissjoni li kien hemm il-ħsieb li l-proċedura tal-likwidazzjoni tintemm fi tmiem l-2011, kemm għat-tarzna ta' Gdynia kif ukoll għat-tarzna ta' Szczecin.

(5) Permezz ta' ittra datata l-25 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni għarrfet lill-Polonja li kienet iddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "it-TFUE") fil-konfront tal-miżura msemmija (minn hawn 'il quddiem "id-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura").

(6) Id-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [3]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżura.

(7) Il-Polonja għamlet l-osservazzjonijiet tagħha fis-27 ta' Frar 2012. Ma daħlu l-ebda kummenti min-naħa ta' partijiet terzi. Fl-4 u fil-5 ta' Ġunju 2012, il-Polonja pprovdiet aktar informazzjoni.

II. L-ISFOND TAL-KAŻ

1. Deskrizzjoni tal-benefiċjarju

(8) Skont l-awtoritajiet Pollakki, il-Crist – impriża privata bbażata fi Gdańsk – twaqqfet fl-1990 miż-żewġ azzjonisti li hemm bħalissa. Tħaddem madwar 150 ruħ u tuża s-servizzi ta' madwar 500 kuntrattur indipendenti. L-oqsma ewlenin li fihom taħdem il-Crist huma: il-bini tal-vapuri, it-tiswija tal-vapuri u l-istallazzjonijiet idrotekniċi. Fil-perjodu bejn l-2004 u l-2008, kull sena l-impriża ħadmet fuq madwar 20 vapur u fuq kostruzzjonijiet

[1] ĠU C 129 tal-4.5.2012, p. 9.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Novembru 2008 dwar għajnuna mill-Istat C 19/05 (ex N 203/05) mogħtija mill-Polonja lil Stocznia Szczecińska, ĠU L 5, 8.1.2010, p. 1, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Novembru 2008 dwar l-għajnuna mill-Istat C 17/05 (ex N 194/05 u PL 34/04) mogħtija mill-Polonja lil Stocznia Gdynia, ĠU L 33, 4.2.2010, p. 1.

[3] Ara n-nota nru 1 ta' qiegħ il-paġna.

oħrajn. Il-klijenti tal-impriża huma prinċipalment proprjetarji tal-vapuri mill-Ewropa (il-Ġermanja, l-Iskandinavja u l-Polonja).

(9) Skont l-awtoritajiet Pollakki, l-impriża hija attiva l-aktar f'dawn it-tliet segmenti tas-suq:

— is-suq tal-kostruzzjoni tal-inġinerija idroloġika: strutturi tal-azzar li jintużaw bħala xtiebi, milqgħat, kxaxen u strutturi oħrajn tal-azzar għall-bini tal-mollijiet ta' max-xatt u għall-mollijiet maħruġin 'il barra fil-portijiet,

— is-suq tal-enerġija rinnovabbli: tagħmir u /jew elementi użati biex jinbnew it-turbini tal-enerġija tar-riħ fil-baħar,

— is-suq tal-kostruzzjoni fil-baħar: installazzjonijiet għat-tiftix u għall-ipproċessar li jitħaddmu fil-baħar u li jintużaw biex jagħtu sostenn lill-pjattaformi tat-tħaffir, u moduli għall-bini tal-pjattaformi tal-azzar għat-tħaffir.

(10) It-tabella nru 1, hawn taħt, turi l-istruttura tad-dħul tal-Crist maqsuma skont is-segmenti tas-suq. L-awtoritajiet Pollakki għarrfu lill-Kummissjoni li din l-istruttura tad-dħul hija r-riżultat tat-twettiq tal-pjan tal-impriża li jgħid li l-attivitajiet ewlenin iridu jinbidlu mill-bini tradizzjonali tal-vapuri għall-qasam tal-enerġija rinnovabbli marittima u tal-inġinerija idroloġika.

Tabella nru 1

L-istruttura tad-dħul tal-Crist skont is-segmenti

Kategorija tad-dħul	2009	2010 [1]	2011
inġinerija idroloġika	[17-23] (*) %	[4-6] %	[3-5] %
enerġija rinnovabbli	[23-28] %	[75-80] %	[67-74] %
kostruzzjonijiet fil-baħar	[21-26] %	[6-8] %	[6-8] %
oħrajn (bini tal-vapuri)	[29-34] %	[9-12] %	[17-20] %

[1] Il-Kummissjoni tinnota li, meta jingħaddu flimkien, iċ-ċifri pprovduti mill-Polonja fil-kolonna tal-2010 ma jagħmlux 100. Hija temmen li din id-diskrepanza ċkejkna ġejja mill-fatt li ċ-ċifri nqatgħu għad-dritt sa żewġ deċimali.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

(11) Skont l-awtoritajiet Pollakki, fil-perjodu bejn l-2002 u l-2009 l-Crist kabbret id-dħul tagħha b'għaxar darbiet, u fl-2009 laħqet it-PLN 383 miljun (EUR 95,75 miljun [4]). Fl-2010 d-dħul naqas għal PLN 236 miljun (EUR 59 miljun) iżda fl-2011 tela' għal PLN 630 miljun (EUR 157,5 miljun). It-tabella nru 2 tippreżenta filqosor ir-riżultati finanzjarji ewlenin tal-Cris għall-perjodu bejn l-2007 u l-2009, jiġifieri qabel ma ngħatat is-selfa mill-ARP, u għall-perjodu bejn l-2010 u l-2011.

Tabella nru 2

Ir-riżultati finanzjarji ewlenin tal-Crist bejn l-2007 u l-2011 (f'miljuni ta' PLN)

	2007	2008	2009	2010	2011
Dħul mill-bejgħ	323,41	361,06	383,77	236,48	630,29
Qligħ mill-bejgħ	19,10	20,80	27,10	5,5	53,1
Qligħ operatorju	20,80	19,50	25,80	15,37	49,33
Qligħ nett	22,20	20,10	15,50	12,62	31,66
Deprezzament	2,40	3,30	4,20	5,58	10,75
Eċċess finanzjarju	24,60	23,40	19,70	18,20	42,41

(12) Skont l-awtoritajiet Pollakki, fl-2011 l-impriża kellha krediti u limiti sa fejn kienet esposta għar-riskji ta' madwar PLN […]* miljun (EUR […] miljun), inkluża s-selfa tal-ARP (ara t-Taqsima 3 "Deskrizzjoni tal-miżura"), u sostenn finanzjarju f'diversi għamliet minghand erba' banek privati. Bħalissa l-impriża hija involuta f'għaxar kuntratti b'valur totali ta' madwar PLN […] miljun (EUR […] miljun) u qed tinnegozja aktar kuntratti li b'kollox jiswew madwar PLN […] miljun (EUR […] miljun).

2. **Deskrizzjoni tal-programm**

(13) Fis-27 ta' Mejju 2010, il-Crist applikat għas-selfa minghand l-ARP (ara t-Taqsima 3, "Deskrizzjoni tal-miżura") bħala parti mill-programm "Sostenn mill-ARP għal inizjattivi li jistimulaw lill-ekonomija Pollakka" (minn hawn 'il quddiem "il-programm"), fis-sottokategorija "Sostenn għall-impriżi fir-reġjuni l-aktar mheddin mill-kriżi ekonomika".

(14) L-impriżi eliġibbli għall-programm huma dawk medji jew kbar li qed iwettqu proġetti li għandhom it-tir li jistimulaw lid-domanda fl-ekonomija Pollakka u li huma attivi fid-distretti l-aktar mheddin li ntlaqtu mill-kriżi ekonomika jew minn għargħar gravi. Il-programm jiddefinixxi b'mod ċar liema huma dawn id-distretti. Id-distrett ta' Gdańsk huwa, skont id-definizzjoni tal-programm, wieħed mid-distretti vulnerabbli, iżda d-distrett ta' Gdynia mhux.

[4] F'din id-Deċiżjoni, iċ-ċifri f'EUR huma approssimazzjonijiet mogħtijin biss bħala indikazzjonijiet, ħlief fil-każ taċ-ċifra EUR […] miljun, li tirrappreżenta l-valur tal-kuntratt bejn il-Beluga Hochtief Offshore u l-Crist, li sar bl-EUR. Iċ-ċifri kollha fil-PLN huma kkonvertiti f'EUR skont ir-rata tal-kambju EUR 1 = PLN 4.

(15) Skont il-programm, l-ARP tieħu sehem fi proġetti u f'inizjattivi sabiex jiġu stimulati d-domanda ekonomika u l-iżvilupp ekonomiku. Ta' dan, l-aġenzija għandha tikseb lura redditu raġonevoli, i.e. il-parteċipazzjoni għandha ssir skont il-kundizzjonijiet tas-suq. L-intensità massima tal-finanzjament ipprovdut mill-ARP ma tistax taqbeż it-80 % tal-valur nett tal-investiment ippjanat.

(16) Skont l-awtoritajiet Pollakki, l-ARP m'għandhiex tappoġġja proġetti li jista' jkun fihom elementi ta' għajnuna mill-Istat, bl-eċċezzjoni ta' proġetti relatati massigurtà nazzjonali u d-difiża b'konformità mal-Artikolu 346 tat-TFUE ([5]).

(17) Il-programm jikkostitwixxi parti mill-attività kummerċjali tal-ARP li għandha t-tir li tagħmel il-qligħ u, skont l-awtoritajiet Pollakki, japplika standards rilevanti fis-suq tas-servizzi kummerċjali tal-finanzjament għall-impriżi. Kif spjegat il-Polonja, tali attività hija separata mill-għoti tal-għajnuna mill-Istat lil impriżi kbar li jkunu f'diffikultà.

3. **Deskrizzjoni tal-miżura**

(18) Il-miżura li qed tiġi mistħarrġa hija selfa ta' PLN 150 miljun (EUR 33,4 miljun) li ngħatat mill-ARP lill-Crist fl-14 ta' Settembru 2010 (minn hawn 'il quddiem "is-selfa tal-ARP") sabiex l-impriża tixtri lott ta' assi – l-hekk imsejħa ż-żona nru 2 tat-tarzna tal-Crist – li jinkludi baċir xott. Skont l-awtoritajiet Pollakki, meta nħarġet, is-selfa kienet tirrappreżenta inqas minn […] % tal-ammont totali tal-krediti tal-kumpanija u l-limiti sa fejn kienet esposta għar-riskji.

(19) Skont il-programm, ir-rata tal-imgħax għas-selfa tal-ARP għandha tiġi ffissata bħala r-rata bażi, u magħha jiżdied marġni ta' mgħax nett ta' 0,9 - 4 % *per annum* (minn hawn 'il quddiem "il-marġni tal-imgħax") skont ir-riskju tal-finanzjament u l-kwalità tal-kollateral ipprovdut mill-benefiċjarju, kif indikat fit-tabella nru 3.

Tabella nru 3

Il-marġni tal-imgħax applikabbli għall-miżura skont il-programm

riskju finanzjarju	kollateral b'saħħtu	kollateral moderat	kollateral dgħajjef
baxx	0,9 %	1,0 – 1,4 %	1,5 – 1,8 %
moderat	1,0 – 1,4 %	1,5 –1,8 %	1,9 % – 3,3 %
għoli	1,5 – 1,8 %	1,9 % – 3,3 %	3,4 % – 4,0 %

(20) Il-marġni tal-imgħax għas-selfa mingħand l-ARP ġie ffissat bħala 1,8 %. Ir-rata globali tal-imgħax tas-selfa li rċeviet il-Crist kienet 6,81 % ([6]). Ir-rata tal-imgħax ġiet iffissata fil-livell tar-rata bażi ddefinita bħala l-WIBOR għal 3 xhur ([7]) (3,81 % fil-mument meta ngħatat is-selfa) u magħha 1,2 %, li fuqhom ġie miżjud marġni ta' mgħax ta' 1,8 %. Il-marġni tal-imgħax ġie ffissat mill-ARP bħala 1,8 % minħabba li ġie stmat li kemm ir-riskju finanzjarju ta' din it-tranżizzjoni kif ukoll il-kollateral kienu moderati. Kif muri fit-tabella nru 3, dan għandu jirriżulta f'marġni ta' bejn 1,5 % u 1,8 %. Is-selfa tal-ARP timmatura fil-31 ta' Diċembru 2015, i.e. dewma ta' bejn wieħed u ieħor 5 snin u 3 xhur, minħabba li l-miżura ttieħdet fl-14 ta' Settembru 2010.

(21) Il-kollateral għas-selfa li ħarġet l-ARP jikkonsisti f'li ġej:

— rahan irreġistrat fuq l-ishma kollha kemm huma tal-Crist,

— ipoteka fuq il-proprjetà immobbli (parti miż-żona nru 2 tat-tarzna)

— rahan irreġistrat fuq għadd ta' beni mobbli li jagħmlu parti miż-żona nru 2 tat-tarzna,

— kambjala inbjank iffirmata mill-Crist,

— dikjarazzjoni mill-Crist dwar l-aċċettazzjoni volontarja tal-eżekuzzjoni u

— dikjarazzjonijiet ta' kull wieħed mill-azzjonisti tal-Crist dwar l-aċċettazzjoni volontarja tagħhom tal-eżekuzzjoni,

(22) Skont il-programm, il-kollateral irid ikun jikkorrispondi għal mill-inqas 150 % tal-finanzjament ipprovdut mill-ARP.

(23) It-tielet ħruġ ta' sejħa għall-offerti biex jinbiegħu l-assi tat-tarzna ta' Gdynia sar fil-15 ta' Settembru 2010. Skont rapporti li dehru fl-istampa, b'riżultat tal-finanzjament li rċeviet mingħand l-APR, il-Crist setgħet titfa' offerta aħjar minn ta' kompetitur ieħor, il-Patia (impriża rreġistrata Ċipru, b'rabta mal-impriża Ukrena ISD – il-proprjetarja tat-tarzna ta' Gdańsk). L-offerta tal-Crist kienet ta' PLN 175 miljun (EUR 43,75 miljun) għax-xiri tal-lott assi offrut (minn hawn 'il quddiem il-"baċir xott"). Il-prezz minimu tal-baċir xott kien ġie ffissat bħala PLN 96,7 miljun (EUR 24,17 miljun).

III. **IR-RAĠUNIJIET LI MINĦABBA FIHOM INGĦATA BIDU GĦALL-PROĊEDURA TAL-INVESTIGAZZJONI FORMALI**

(24) Fid-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk il-Crist kinitx tkun tista' tikseb il-finanzjament meħtieġ

([5]) Skont dan l-artikolu: "Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati m'għandhomx ikunu inkompatibbli mar-regoli li ġejjin: […] b) kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri li jikkunsidra meħtieġa sabiex jipproteġi l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu …".

([6]) Fl-ittra tal-25 ta' Novembru 2010 l-Polonja, bi żball, għarrfet lill-Kummissjoni li r-rata tal-imgħax kienet ġiet iffissata fil-livell tar-rata bażi ddefinita bħala l-WIBOR għal 6 xhur (minflok il-WIBOR għal 3 xhur) u li r-rata globali tal-imgħax fuq is-selfa li rċeviet il-Crist kienet 7,02 % (minflok 6,81 %). Il-Polonja kkoreġiet dik l-informazzjoni permezz ta' ittra ddatata s-27 ta' Frar 2012.

([7]) Warsaw interbank reference rate (ir-rata ta' ferenza interbankarja ta' Varsavja).

bl-istess kundizzjonijiet fis-suq fuq il-bażi tal-informazzjoni li kellha f'idejha l-ARP fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni li tingħata s-selfa.

(25) Skont l-analiżi preliminari tal-miżura, li saret fuq il-bażi tal-informazzjoni li għandha f'idejha l-Kummissjoni, is-selfa mingħand l-ARP setgħet tat lill-Crist vantaġġ permezz tar-riżorsi tal-Istat. Il-Kummissjoni esprimiet it-tħassib tagħha dwar: (i) ir-rata li biha ngħatat is-selfa, (ii) il-kollateral li aċċettat l-ARP, (iii) il-valur referenzjarju li użat l-ARP, (iv) il-pjan tal-impriża li ppreżentat il-Crist u (v) il-fatt li seta' ngħata trattament preferenzjali lill-Crist min-naħa tal-ARP.

(26) Rigward ir-rata, il-Kummissjoni ma kinitx f'qagħda li tiddetermina jekk ir-rata tal-imgħax fuq is-selfa tal-ARP (li fil-mument tad-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura kien maħsub li kienet 7,02 %) kinitx konformi mal-prinċipji tal-investitur f'ekonomija tas-suq. Dan minħabba li l-awtoritajiet Pollakki ma kinux ipprovdew evidenza dwar il-klassifikazzjoni u l-livell tal-kollateral tal-impriża.

(27) Fir-rigward tal-kollateral, il-kuntratt li ġie konkluż bejn l-ARP u l-Crist bħala l-bażi sabiex tinħareġ is-selfa mill-ARP u l-evalwazzjonijiet mill-esperti dwar l-ishma tal-Crist u tal-baċir xott, li tpoġġew bħala kollateral fuq is-selfa, ma ġiex ipprovdut lill-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-Polonja ma kinitx tat prova *prima facie* li l-evalwazzjonijiet esperti kienu twettqu b'mod konservattiv u li investitur privat kien jaċċetta kollateral bħal dan.

(28) Fir-rigward tal-valur referenzjarju, il-Kummissjoni għandha d-dubji tagħha dwar kemm is-selfa tal-Bank […] tista' tintuża bħala valur referenzjarju sabiex jiġi vvalutat jekk is-selfa mingħand l-ARP tikkonformax mal-prinċipju tal-investitur privat fis-suq. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li s-selfa tal-Bank […] kienet differenti mis-selfa mingħand l-ARP għax: (i) kienet tiffinanzja mill-ġdid it-tranżazzjoni li għall-bidu l-Crist kienet iffinanzjat mill-fondi tagħha stess, (ii) l-ammont tas-selfa tal-Bank […] kien iktar baxx b'mod sinifikanti, u (iii) is-selfa mingħand l-ARP kien fiha riskju ikbar meta wieħed iqabbilha mas-selfa tal-Bank […] minħabba li l-ammont tagħha kien ogħla mill-fondi tal-Crist innifisha u minħabba li kienet tkopri żmien sostanzjalment itwal (ħames snin u tliet xhur, kontra tliet snin u tmien xhur).

(29) Rigward il-pjan tal-impriża, il-Kummissjoni nnutat li fil-mument meta nħarġet is-selfa, minkejja l-fatt li l-qagħda finanzjarja ġenerali tal-Crist kienet b'saħħitha, ir-riżultati netti tal-impriża kienu ilhom fit-triq tan-niżla għal tliet snin. Minħabba r-riskji tas-suq involuti, il-possibbiltà ta' kapaċità żejda, u l-fatt li l-kriżi finanzjarja kienet għadha għaddejja bil-qilla meta ttieħdet il-miżura, il-Kummissjoni kellha d-dubji tagħha dwar kemm investitur privat kien jipprovdi l-finanzjament inkwistjoni.

(30) Fl-aħħar nett, bla ħsara għall-kwistjoni ta' jekk il-programm fih innifsu jikkostitwix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni qajmet id-dubji dwar jekk il-Crist kinitx eliġibbli għas-sostenn ipprovdut mill-ARP fuq il-bażi tal-programm, minħabba li s-selfa ngħatat għal investiment fi Gdynia li, ġaladarba m'huwiex distrett vulnerabbli, ma setax jibbenefika mill-programm. Il-Kummissjoni qajmet id-dubji wkoll dwar jekk l-intensità tal-finanzjament mill-ARP lill-Crist kinitx tikkonforma mal-ogħla limitu minimu ddefinit mill-programm (ara l-premessa 15). Is-selfa tal-ARP hija ta' PLN 150 miljun (EUR 37,5 miljun). Il-Crist xtrat il-baċir xott għall-prezz ta' PLN 175 miljun (EUR 43,75 miljun). Fuq il-bażi ta' dawk iċ-ċifri, l-intensità tal-għajnuna tas-selfa tal-ARP kienet 86 %, i.e. ogħla mil-limitu ffissat fil-programm. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li jista' jkun li, meta ngħatat is-selfa mill-ARP fuq il-bażi tal-programm, il-Crist irċeviet trattament preferenzjali.

(31) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni għandha d-dubji tagħha dwar jekk investitur privat kienx jipprovdi lill-Crist il-finanzjament rilevanti, u għalhekk iddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali.

IV. **L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-POLONJA**

(32) L-awtoritajiet Pollakki qalu li, qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li tingħata s-selfa lill-Crist, saret valutazzjoni komprensiva tal-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-impriża, tal-pjan tal-impriża u tar-riferimenti li setgħu jinkisbu fis-suq. Qalu wkoll li r-riżultati ċari ta' din l-analiżi juru li s-selfa inkwistjoni tikkorrispondi għall-kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri l-kundizzjonijiet li fihom operatur privat fis-suq jaqbel li jiffinanzja investiment partikulari. Għalhekk, skont il-Polonja, is-selfa mill-ARP lill-Crist ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

1. **Ir-rata tal-imgħax**

(33) Il-Polonja spjegat li l-għoti tas-selfa mill-ARP sar wara valutazzjoni fi tliet partijiet tal-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-impriża. Din saret skont l-istandards rilevanti fis-suq tas-servizzi finanzjarji kummerċjali offruti lill-impriżi. Fl-ewwel parti tagħha, il-valutazzjoni kienet tinkludi evalwazzjoni inizjali tal-kreditu minn konsulent estern indipendenti, u fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni l-kumpanija ngħatat il-punti sabiex tikkwalifika għall-parti li jmiss, i.e. valutazzjoni aktar fil-fond. Fit-tieni parti, ġew ivvalutati l-aħħar tliet snin fiskali flimkien mar-riżultati mbassrin, l-analiżi tar-relazzjonijiet, miżuri kwantitattivi bħall-proporzjon tal-likwidità, ir-rotazzjoni tal-assi, l-istruttura tal-kapital, il-profitabbiltà u l-iżvilupp, kif ukoll miżuri kwalitattivi bħall-kwalità tal-ġestjoni, il-livell tad-dipendenza fuq is-suq u l-kwalità tal-kollaterali proposti. Fl-aħħar parti ġie ffissat il-livell tal-marġni billi ġiet applikata matriċi fuq il-bażi tal-analiżi tal-esperti, b'mod li ta kas tar-riskji u tal-livell propost ta' kollateral.

Il-klassifikazzjoni tal-Crist

(34) Fuq il-bażi ta' kif evolvew ir-riżultati tal-Crist bejn l-2006 u l-2009 (ara t-tabella nru 4), il-Polonja saħqet li, kif ġie stabbilit mill-analiżi tal-esperti, il-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-impriża fil-mument meta applikat għas-selfa kienet tajba.

Tabella nru 4

Kif evolvew ir-riżultati finanzjarji tal-Crist bejn l-2006 u l-2009 (f'miljuni ta' PLN)

	2006	2007	Evoluzzjoni	2008	Evoluzzjoni	2009	Evoluzzjoni
Qligħ mill-bejgħ	21,20	19,10	**90,09 %**	20,8	**108,90 %**	27,10	**130,29 %**
Qligħ operatorju	20,90	20,80	**99,52 %**	19,50	**93,75 %**	25,80	**132,31 %**
Qligħ nett	16,50	22,20	**134,55 %**	20,10	**90,54 %**	15,50	**77,11 %**
Deprezzament	1,97	2,40	**121,83 %**	3,30	**137,50 %**	4,20	**127,27 %**
Eċċess finanzjarju	18,47	24,60	**133,19 %**	23,40	**95,12 %**	19,70	**84,19 %**
Dħul mill-bejgħ	228,75	323,41	**141,38 %**	361,06	**111,64 %**	383,77	**106,29 %**

(35) Rigward it-tnaqqis fir-riżultat finanzjarju nett fl-2008 u fl-2009, il-Polonja spjegat li dan seħħ minħabba bidla fil-mudell kummerċjali, ċjoè t-teħid ta' kuntratti ta' valur ogħla u bi profitabbiltà akbar iżda li jkunu kkaratterizzati minn perjodu itwal biex jitlestew, ta' bejn 12 u 15-il xahar. Dan ifisser li l-akbar qligħ finanzjarju jasal meta l-prodott jitlesta u jingħadda lill-kuntrattur.

(36) Il-valutazzjoni tal-pjan tal-impriża li ppreżentat il-Crist saret mill-ARP fuq diversi livelli. Il-Polonja spjegat li l-pjan ġie żviluppat f'koperazzjoni ma' […], li l-analiżi tiegħu saret minn […] ("[…]") u li sar eżami ddettaljat tad-dokument, inkluż tas-suppożizzjonijiet u tal-effetti mistennijin, minn esperti tal-ARP. L-awtoritajiet Pollakki rrimarkaw li, f'kull stadju, l-opinjoni dwar id-dokument kienet pożittiva. Qalu wkoll li l-preċiżjoni tiegħu ġiet ikkonfermata mir-riżultati reali miksubin mill-Crist, li jikkonformaw maċ-ċifri mbassrin jew saħansitra jaqbżuhom. Il-Polonja spjegat ukoll li t-tbassir finanzjarju ottimist li ppreżentat il-Crist kien kredibbli u ġie kkonfermat mill-kuntratti li ġew konklużi.

(37) Rigward il-profittabbiltà tal-investiment, il-Polonja ppreżentat spjega ddettaljata dwar l-indikaturi kkalkulati fuq il-bażi tal-fluss tal-flus, il-valur preżenti nett (VPN) u r-rata interna ta' redditu (RIR), li kienu lkoll kemm huma għoljin. Il-VPN tal-proġett li jkopri x-xiri tal-baċir xott għall-prezz ta' PLN 150 miljun kien PLN […] miljun u r-RIR kienet […] %. Il-Polonja qalet ukoll li għalkemm, fl-aħħar mill-aħħar, il-baċir inxtara għal PLN 175 miljun, ir-relazzjonijiet finanzjarji għadhom għoljin ħafna għal dik it-tranżazzjoni (VPN ta' PLN […] miljun u RIR ta' […] %).

(38) Fuq il-bażi tal-analiżi msemmija hawn fuq, l-ARP ffissat il-klassifikazzjoni tal-impriża skont is-sistema interna ta' valutazzjoni tagħha, li hija bbażata fuq tliet livelli. Il-Crist ġiet ivvalutata bħala impriża b'riskju medju ta' kreditu, b'affidabbiltà finanzjarja tajba u b'biżżejjed kapaċità li tħallas lura l-obbligi tagħha fuq perjodu itwal ta' żmien, kif ukoll reżistenza għolja għal kundizzjonijiet ekonomiċi mhux favorevoli li jdumu ħafna għaddejjin. Il-Polonja qalet li r-riżultat miksub permezz tal-metodu użat mill-ARP huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont ([8]) ("il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza"). Għalkemm id-dejta li kellha f'idejha l-ARP ġiet ivvalutata bħala li tikkorrispondi għall-kategorija tal-klassifkazzjoni BBB (tajjeb), kif iddefinita mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni EuroRating, għall-prudenza l-Polonja ppreferiet iżżomm il-klassifikazzjoni BB għall-finijiet tal-verifikazzjoni tar-riżultat wara l-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza.

Il-kollateral

(39) L-awtoritajiet Pollakki qalu li, bħala kollateral, il-Crist kienet ipprovdiet: rahan irreġistrat fuq il-100 % tal-ishma kollha tal-Crist, ipoteka fuq il-proprjetà immobbli (parti miż-żona nru 2 tat-tarzna), rahan irreġistrat fuq għadd ta' beni mobbli li jagħmlu parti miż-żona nru 2 tat-tarzna, kambjala inbjank iffirmata mill-Crist, dikjarazzjoni mill-Crist dwar l-aċċettazzjoni volontarja tal-eżekuzzjoni u dikjarazzjonijiet ta' kull wieħed mill-azzjonisti tal-Crist dwar l-aċċettazzjoni volontarja tagħhom tal-eżekuzzjoni.

(40) Il-Polonja ressqet valutazzjonijiet esperti dwar l-ishma tal-Crist, li saru minn […] bl-użu ta' żewġ metodi: il-metodu tal-valutazzjoni bbażata fuq l-assi (il-metodu tal-assi netti

([8]) ĠU C, 14 19.1.2008, p. 6.

aġġustati), iddatat id-29 ta' Lulju 2010, u l-metodu tal-valutazzjoni bbażata fuq id-dħul (metodu bbażat fuq il-fluss skontat ta' flus bil-valur preżenti aġġustat), iddatat l-1 ta' Awwissu 2010. Ir-riżultati ta' dawn iż-żewġ valutazzjonijiet kienu differenti minn xulxin b'mod konsiderevoli. Filwaqt li l-ewwel metodu rriżulta f'valur ta' PLN […] miljun, it-tieni metodu wassal għal kważi PLN […] miljun. Fl-istess ħin, dokument separat iddatat it-3 ta' Awwissu 2010, li ġie ppreżentat mill-awtoritajiet Pollakki, […] wera li l-metodu tal-assi netti aġġustati kien eqreb lejn il-valur tal-likwidazzjoni tal-impriża u li ma kienx jirrifletti l-valur reali tal-Crist (b'mod partikulari l-kapital tal-ekwità). […] ikkonkluda li l-valur reali għandu jitqies bħala PLN […] miljun.

(41) Rigward il-valur tat-tieni element tal-kollateral, i.e. l-ipoteka fuq il-proprjetà immobbli, il-Polonja pprovdiet valutazzjoni ta' espert indipendenti bid-data tal-4 ta' Marzu 2009 li stmat il-valur tal-assi, meħudin bħala pakkett wieħed, fis-suq bħala PLN 169,5 miljun (jew PLN 84,7 miljun f'każ ta' bejgħ furzat). Barra minn hekk, f'Jannar 2011 l-ARP talbet għal valutazzjoni ta' wara t-tranżazzjoni minn espert indipendenti, u din il-valutazzjoni – li ġiet ipprovduta lill-Kummissjoni – iffissat il-valur tal-proprjeta immobbli ipotekata bħala PLN […] miljun.

(42) B'rispons għax-xettiċiżmu tal-Kummissjoni dwar jekk il-prezz li ħallset il-Crist fit-tielet ħruġ tas-sejħa għall-offerti għall-baċir xott (PLN 175 miljun) jistax jittieħed bħala li jirrappreżenta l-valur ta' dak il-kollateral, il-Polonja pproponiet li bħala valur tas-suq tittieħed il-kontrofferta ta' PLN 166 miljun li tefgħet f'dak iż-żmien l-impriża l-oħra li wieġbet għas-sejħa, il-Patia.

(43) Barra minn dan, skont il-Polonja, il-valur tal-kollateral ikompli jissaħħaħ bin-natura varjata tal-komponenti tiegħu (proprjetà immobbli, proprjetà mobbli u assi finanzjarji) u bil-fatt li l-elementi kollha li jagħmlu l-kollateral kienu ħielsa minn kwalunkwe gravami qabel ma nħarġet is-selfa.

(44) L-awtoritajiet Pollakki kkonkludew li, fuq il-bażi tad-diversi valutazzjonijiet, il-valur totali tal-kollateral ipprovdut għas-selfa kien xi mkien bejn PLN […] miljun u PLN […] miljun (ara t-tabella nru 5). Għall-fini tal-klassifikazzjoni interna tagħha, l-ARP kienet ivvalutat il-kollateral tal-Crist bħala moderat (ara t-tabella nru 3). B'referenza għall-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza (ara t-tabella nru 6), l-awtoritajiet Pollakki qalu li l-valur totali tal-kollateral, b'konformità mal-valur fis-suq, huwa PLN […] miljun ([9]) u jirrappreżenta […] % tas-selfa mogħtija. Dan il-livell ta' kollateral jaqbeż b'mod sinifikanti l-livell tal-ammont tas-selfa u jikkorrispondi għall-kategorija ta' "kollateralizzazzjoni għolja", kif iddefinita fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza, minħabba li t-telf li mistenni jirriżulta f'każ ta' inadempjenza fil-ħlas tas-selfa huwa 0.

Tabella nru 5

Il-valuri tal-kollateral skont il-metodu ta' evalwazzjoni użat

			Il-kollateral u l-metodu tal-valutazzjoni	
			L-ishma tal-Crist Il-metodu tal-valutazzjoni bbażata fuq l-assi (Il-metodu tal-assi netti aġġustati)	L-ishma tal-Crist Il-metodu tal-valutazzjoni bbażata fuq id-dħul (Il-valur preżenti aġġustat)
		Valur (PLN)	[…]	[…]
Il-kollateral u l-metodu tal-valutazzjoni	Iż-żona nru 2 tat-tarzna Il-metodu tal-valur fis-suq (fuq il-bażi tad-dħul)	169 471 000	**TOTAL:** […]	**TOTAL:** […]
	Iż-żona nru 2 tat-tarzna Il-valur f'każ ta' bejgħ furzat	84 735 500	**TOTAL:** […]	**TOTAL:** […]
	Iż-żona nru 2 tat-tarzna Il-metodu tal-valur fis-suq (fuq il-bażi tad-dħul)	180 439 000	**TOTAL:** […]	**TOTAL:** […]
	Iż-żona nru 2 tat-tarzna Il-valur tal-aħħar kontrofferta	166 000 000	**TOTAL:** […]	**TOTAL:** […]

([9]) Meta wieħed jgħodd flimkien l-istima tal-valur tal-Crist li rriżultat bil-metodu bbażat fuq id-dikjarazzjonijiet tad-dħul (irrakkomandat minn espert), li hija PLN […] miljun, u l-ipoteka fuq il-beni immobbli (parti miż-żona nru 2 tat-tarzna), li ġiet stmata minn espert bħala PLN 169,5 miljun.

(45) L-awtoritajiet Pollakki pprovdew ukoll rapport magħmul minn […] f'Mejju 2012, i.e. wara li kienet saret it-tranżazzjoni. Dan ir-rapport fih, fost l-oħrajn, verifikazzjoni tal-valutazzjonijiet ta' […], li kienu f'idejn l-ARP fil-mument meta saret it-tranżazzjoni. Il-Polonja tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni kritika tal-metodu tal-valutazzjoni tal-assi netti: […] ma kienet tinkludi l-ebda valutazzjoni tal-assi mhux tanġibbli bħal, fost l-oħrajn, il-kuntratti li kienu għadhom iridu jitwettqu, ir-relazzjonijiet mal-klijenti u l-forza tax-xogħol, li jistgħu jkollhom valuri sinifikanti u jgħollu r-riżultati tal-valutazzjoni. […] jikkonkludi li l-valutazzjoni tissottovaluta l-valur tal-ekwità tal-Crist b'mod sinifikanti. Fir-rigward tal-metodu tal-valutazzjoni bbażata fuq id-dħul, il-Polonja tirrimarka li […] wasal għal valuri li huma simili għal dawk ta' […] (i.e. bejn wieħed u ieħor PLN […] miljun).

Ir-rata tal-imgħax

(46) Għall-finijiet tal-għoti tas-selfa, l-ARP vvalutat bħala moderati kemm ir-riskju fuq il-kreditu tal-impriża kif ukoll il-livell ta' kollateral li ġie pprovdut. Minħabba f'hekk, is-selfa ngħatat mill-ARP b'rata ta' mgħax ta' 6,81 %, li ġiet ikkalkulata bħala s-somma tar-rati bażi (il-WIBOR għal tliet xhur (3,81 %) u magħha 1,2 %) u l-marġni tal-imgħax kif irriżultat mill-matriċi riprodotta fit-tabella nru 3, i.e. 1,8 %.

(47) Minbarra l-kalkoli li għamlet l-ARP fuq il-bażi tar-regoli interni tagħha, il-Polonja ppreżentat aktar kjarifiki bl-użu tal-metodu alternattiv stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza biex jiġu ddeterminati r-rati (ara t-tabella nru 6).

Tabella nru 6

Marġnijiet tas-selfiet, f'punti bażi skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza

	Livell tal-kollateral		
Kategorija tal-klassifikazzjoni	Għoli	Normali	Baxx
Tajjeb ħafna (AAA-A)	60	75	100
Tajjeb (BBB)	75	100	220
Sodisfaċenti (BB)	100	220	400
Baxx (B)	220	400	650
Ħażin / diffikultajiet finanzjarji (CCC u agħar)	400	650	1 000

(48) Il-Polonja qalet li, meta wieħed iqis ir-rata ta' referenza ppubblikata mill-Kummissjoni għall-Polonja (4,49 %), il-kategorija tal-klassifikazzjoni tal-Cris (BB) kif ukoll il-livell għoli ta' kollateral (ara l-punt 44), ir-rata tal-imgħax fuq is-selfa m'għandhiex tkun iktar baxxa minn 5,49 %. Għal-hekk, il-Polonja saħqet li r-rata ta' 6,81 % applikata mill-ARP hija 132 punt bażi ogħla mir-rata ta' referenza ddefinita fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza, i.e. 5,49 %.

(49) Ir-rapport ta' […] li ġie pprovdut mill-Polonja fih stima ddettaljata tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-Crist fil-mument tat-tranżazzjoni, fuq il-bażi ta' żewġ metodi esperti differenti. Il-mudelli tal-klassifikazzjoni ġew żviluppati minn […] fuq il-bażi ta' mudelli ta' evalwazzjoni/klassifikazzjoni użati mill-banek kummerċjali. Ir-rapport jistma li l-klassifikazzjoni tal-Crist taqa' bejn BB u B. Minkejja dan, […] huwa tal-fehma li r-rata tal-imgħax hija biżżejjed, meta wieħed iqis il-valur għoli tal-kollateral li, meta jiġi vvalutat f'daqqa, jindika livell għoli ta' garanzija.

2. **il-Valur ta' Referenza**

(50) L-awtoritajiet Pollakki infurmaw lill-Kummissjoni li s-selfa li ngħatat mill-Bank […] ma kinitx l-unika bażi biex ġie ffissat il-livell finali tar-rata tal-imgħax għall-Crist, minħabba li dan sar prinċipalment fuq il-bażi ta' sistema interna tal-valutazzjoni. Irrispettivament mid-differenzi fis-selfiet, il-Polonja rrimarkat li kemm l-ARP kif ukoll il-Bank […] waslu għal konklużjonijiet simili fir-rigward tar-rati tal-imgħax.

(51) Hija qalet ukoll li, meta wieħed iqis il-valur għoli tas-selfa inkwistjoni (PLN 150 miljun), huwa prattikament impossibbli li, fis-suq Pollakk, jinstab valur ta' referenza ideali għas-selfa li ngħatat lill-Crist. B'referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim' Istanza fil-Kawża T-296/97 *Il-Kummissjoni v. l-Alitalia*, il-Polonja għamlet l-argument li l-vantaġġ li tista' tikseb il-Crist għandu jiġi vvalutat bi tqabbil ma' selfa simili, mhux ma' waħda identika.

(52) Il-Polonja ppreżentat paragun taż-żewġ selfiet (ara t-tabella nru 7 hawn taħt) u fakkret li t-tnejn li huma ngħataw fl-2010, li r-rata tal-imgħax tal-Bank […] kienet saħansitra iktar baxxa (6,68 %, filwaqt li dik tal-ARP kienet 6,81 %) u li d-deċiżjoni tal-Bank […] kienet ibbażata fuq riskju ogħla. Għalhekk, fil-fehma tal-awtoritajiet Pollakki, dik it-tranżazzjoni tikkostitwixxi punt ta' referenza validu.

Tabella nru 7

Paragun tas-selfiet tal-Bank […] u tal-ARP lill-Crist

	Selfa tal-Bank […]	Selfa tal-ARP
Ammont	PLN […]	PLN 150 000 000
Data meta nħarġet is-selfa	18.2.2010	14.9.2010
Dewma tal-kreditu	3 snin u 10 xhur	5 snin u 3 xhur
Rata tal-imgħax	6,62 %	6,81 %
Valur tal-kollateral	[…] PLN	[…] PLN

	Selfa tal-Bank […]	Selfa tal-ARP
Prospettivi ta' żvilupp [1]	[…] PLN	[…] PLN
Riskji oħrajn	In-nuqqas ta' ċertezza li l-baċir xott (iż-żona nru 2 tat-tarzna) se jinxtara u li se jkun hemm linja tal-produzzjoni kompluta	Is-selfa ngħatat biex jinxtara l-baċir xott (iż-żona nru 2 tat-tarzna) sabiex il-linja tal-produzzjoni ssir kompluta

[1] Il-valur tal-kuntratti konklużi fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt tal-finanzjament.

(53) Rigward ir-riskju ta' kreditu, il-Polonja osservat li kemm il-Bank […] kif ukoll l-ARP bbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istess pjan tal-impriża, li kien jipprevedi x-xiri kemm taż-żona nru 1 kif ukoll taż-żona nru 2 tat-tarzna. Għalhekk, ir-riskju marbut mat-tlestija tal-impjant kien ikbar qabel ma saret l-ewwel tranżazzjoni (anki jekk kulma għamel il-Bank […] kien li ffinanzja mill-ġdid it-tranżazzjoni li fil-bidu l-impriża Crist kienet iffinanzjat minn butha stess). Fil-fatt, id-deċiżjoni li tinħareġ is-selfa mill-ARP, li ppermettiet li tinxtara ż-żona nru 2 tat-tarzna, żgurat it-tlestija tal-istrateġija l-ġdida tal-Crist biex tibdel l-enfasi tal-attività kummerċjali tagħha mill-bini tradizzjonali tal-vapuri għas-settur tal-enerġija rinnovabbli permezz ta' impjanti fil-baħar. Barra minn hekk, il-Polonja osservat li l-għoti tas-selfa mill-Bank […] lill-Crist sar qabel ma l-Crist iffirmat kuntratt li jħalli qligħ tajjeb ħafna mal-Beluga Hochtief. Il-kuntratt kellu l-ogħla valur ta' tranżazzjoni fl-istorja tal-Crist (ta' EUR […] miljun), u dan kompla tejjeb l-affidabbiltà kreditizja tal-impriża fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar is-selfa mill-ARP.

(54) Mill-banda l-oħra, l-awtoritajiet Pollakki saħqu li, fil-mument meta ngħatat is-selfa, kien hemm aktar informazzjoni li l-ARP kkunsidrat bis-serjetà. Ngħidu aħna, il-Polonja rrimarkat li minbarra mal-ARP u mal-Bank […], għal bosta snin il-Crist kellha relazzjonijiet tajbin ma' għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li jipprovdu l-finanzjament għall-attivitajiet tal-impriża [10]. Dan juri l-kapaċità li kellha l-Crist li tikseb finanzjament fis-suq kapitali fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar is-selfa. Biex tagħti prova ta' dan, il-Polonja ppreżentat lista tal-limiti tas-selfiet u tal-garanziji li l-Crist kellha f'istituzzjonijiet finanzjarji individwali fil-mument tat-tranżazzjoni.

(55) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Pollakki ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tabella tar-rati tal-imgħax tal-Bank Nazzjonali tal-Polonja għal Settembru 2010, li fiha lista li tiġi ppubblikata perjodikament tar-rati medji tal-imgħax għal selfiet ġodda għan-negozji bil-PLN. Minn dik it-tabella jirriżulta li, għas-selfiet li jaqbżu l-PLN 4 miljun b'varjabbiltà tar-rata tal-imgħax li ma taqbiżx it-3 xhur (bħal fil-każ tal-Crist), ir-rata medja tal-imgħax kienet 5,4 %, i.e. iktar baxxa mir-rata li imponiet l-ARP fuq il-Crist.

[10] Il-Crist kienet tibbenefika minn għadd ta' sorsi privati esterni oħrajn ta' finanzjament. Dawn kienu jinkludu selfiet u garanziji mingħand il-bank […], […], […], […], […] u […] ta' aktar minn PLN […] miljun fl-2010 u ta' aktar minn PLN […] fl-2011.

3. **il-Pjan tal-Impriża**

(56) L-awtoritajiet Pollakki għaddew lill-Kummissjoni l-pjan tal-impriża tal-Crist ("il-pjan tal-impriża"). Il-Polonja għarrfet lill-Kummissjoni li, qabel ma tat is-selfa lill-Cris, l-ARP kienet ikkonsultat mas-sħab kummerċjali tal-impriża ([…] u […]) kif ukoll mal-banek privati, u lkoll kemm huma kkonfermawlha l-istabbiltà finanzjarja tal-Crist. L-awtoritajiet Pollakki għaddew lill-Kummissjoni l-ittri ta' konferma mibgħutin mill-banek privati kif ukoll analiżi, magħmula minn […] u li kienet tkopri l-perjodu qabel id-deċiżjoni tal-ARP li toħroġ is-selfa, dwar it-twettiq tal-istrateġija tal-impriża mill-Crist.

(57) Il-pjan tal-impriża assuma li l-valur preżenti nett tal-proġett tal-investiment kien se jammonta għal PLN […] miljun (EUR […] miljun) u li r-rata interna ta' redditu kienet se tkun […] %. F'dawn il-kalkoli ġie ssoponut li l-impriża kienet se takkwista l-baċir xott għal PLN 150 miljun. B'reazzjoni għall-osservazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura, li fl-aħħar mill-aħħar il-prezz li fil-fatt thallas kien PLN 175 miljun, il-Polonja ppreżentat analiżi magħmula minn […]. Din turi li l-valur preżenti nett u r-rata interna ta' redditu tal-investiment jammontaw għal PLN […] miljun u […] % rispettivament, fuq il-bażi ta' dak li kien magħruf fil-mument meta saret it-tranżazzjoni. […] jgħid ukoll li, b'dak li hu magħruf issa, il-VPN u r-RIR jikkorrispondu għal PLN […] miljun u […] % rispettivament.

(58) L-istess rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn il-qagħda tas-suq u lejn il-prospettivi ta' żvilupp li għandha l-Crist. Ir-rapport jinnota li l-Crist bidlet il-profil tal-produzzjoni tagħha mill-bini tradizzjonali tal-vapuri għal bċejjeċ tal-baħar, pjattaformi u elementi tal-kostruzzjoni fil-baħar magħmulin apposta għax-xerrej. B'din l-istrateġija tal-impriża, il-Crist ħolqot għaliha nnifisha niċċa li minnha tista' tipparteċipa fi proġetti li jkunu ppjanati biex isiru fil-Baħar tat-Tramuntana u li toffrilha ħafna possibbiltajiet biex tikber b'mod dinamiku. […] jikkonkludi li l-impriża qed topera f'settur li għandu potenzjal sinifikanti ta' tkabbir.

(59) Il-Polonja qalet li, b'riżultat tal-analiżi tal-esperti dwar il-pjan tal-impriża, l-ARP kkonkludiet li: minkejja l-kriżi ekonomika li ilha sejra mill-2008, fl-aħħar tliet snin l-impriża rreġistrat riżultati finanzjarji pożittivi; il-valur tal-kuntratti ffirmati u nnegozjati kien jindika li l-kumpanija kienet se tiżviluppa malajr; it-tbassir finanzjarju ġie vvalutat b'mod pożittiv u l-impriża kienet kapaċi thallas is-selfa lura.

(60) Fl-aħħar nett, l-awtoritjiet Pollakki osservaw li, bi profitt nett ta' PLN 12,6 miljun (EUR 2,8 miljun) fl-2010 u ta' PLN 31,6 miljun (EUR 7,03 miljun) fl-2011, il-kumpanija ġġenerat riżultat nett li qabeż b'[…] darbiet iċ-ċifri previsti fil-pjan tal-impriża. Bl-istess mod, ġie nnutat li l-karta tal-bilanċ totali tal-impriża fi tmiem l-2011 kienet madwar […] % ogħla minn dak li kien ippjanat.

4. **L-għoti ta' trattament preferenzjali lill-impriża**

(61) Fir-rigward tat-trattament preferenzjali li allegatament ingħata lill-Crist mill-ARP, l-awtoritajiet Pollakki qabelxejn spjegaw li l-impriża kienet eliġibbli għall-fondi bħala parti mill-programm minħabba li s-sede tal-Crist u tnejn miċ-ċentri ta' attività tagħha jinsabu fi Gdańsk. L-investiment fi Gdynia, li f'ċirkustanzi oħrajn ma jikkwalifikax għal tali fondi, ma wassalx biex il-Crist titrasferixxi l-attività tagħha hemmhekk iżda sempliċiment għal estensjoni ġeografika tal-attività tal-impriża.

(62) Rigward il-livell tal-finanzjament, il-Polonja tenniet li l-livell tal-finanzjament tal-investiment mill-fond tal-ARP ma qabiżx il-limitu massimu ta' 80 % previst fil-programm. Il-Polonja ddikjarat li n-nefqa totali tal-programm ta' investiment ippjanat mill-impriża kienet PLN 188,2 miljun u kienet tinkludi x-xiri mhux biss tal-baċir xott (iż-żona nru 2 tat-tarzna) iżda wkoll taż-żona fejn jiġi mmuntat il-buq tal-vapuri (iż-żona nru 1 tat-tarzna). Il-Polonja spjegat li ż-żewġ investimenti flimkien jappartjenu għall-istess linja tal-produzzjoni li ppermettiet lill-Crist tiffoka b'mod effettiv fuq is-swieq tal-enerġija rinnovabbli u tal-kostruzzjonijiet fil-baħar. Kien biss il-programm komplut ta' investiment li ppermetta lill-Crist tibdel il-mudell kummerċjali tagħha mill-bini tradizzjonali tal-vapuri għal bċejjeċ tal-baħar, pjattaformi u elementi tal-kostruzzjoni tat-turbini tal-enerġija tar-riħ fil-baħar magħmulin apposta għax-xerrej.

(63) Għaldaqstant il-proporzjon ta' intensità tal-investiment totali tal-Crist (PLN 213,2 miljun ([11])) li ġie mingħand l-ARP (PLN 150 miljun) jikkorrispondi għal 70 % u huwa sostanzjalment iktar baxx mil-limitu massimu ta' 80 % stabbilit mill-programm.

(64) Finalment, il-Polonja qalet li l-programm li minnu ġiet iffinanzjata s-selfa li ngħatat lill-Crist kien wieħed kummerċjali u mhux wieħed li jagħti l-għajnuna lill-impriżi. Il-Polonja nnutat li d-deċiżjonijiet tal-ARP li tiffinanzja ċerti proġetti huma vvalutati fuq bażi kummerċjali minn esperti li għadhom esperjenza fl-ikbar istituzzjonijiet finanzjarji fil-Polonja.

V. **VALUTAZZJONI**

1. **L-eżistenza ta' għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-artikolu 107(1) tat-TFUE**

(65) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz tar-riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma, u li tkun tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti tkun, sal-punt li tkun tolqot lill-kummerċ bejn l-Istati Membri, inkumpatibbli mas-suq intern.

(66) Biex miżura nazzjonali titqies bħala għajnuna mill-Istat iridu jkunu ġew issodisfati dawn il-kundizzjonijiet: (1) il-miżura tkun tagħti vantaġġ permezz tar-riżorsi tal-Istat; (2) il-vantaġġ ikun selettiv; u (3) il-miżura tkun tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni u tkun kapaċi taffettwa lill-kummerċ bejn l-Istati Membri.

1.1. *L-eżistenza ta' vantaġġ*

(67) Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżura li qed tiġi mistħarrġa tikkostitwixxix għajnuna, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-Crist kisbitx vantaġġ ekonomiku li ma kienx ikollha fil-kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri l-kundizzjonijiet li fihom investitur privat kien jipprovdi finanzjament lill-Crist.

I r - r a t a t a l - i m g ħ a x

(68) Sabiex tiddetermina jekk il-miżura inkwistjoni hix kumpatibbli mat-test tal-investitur privat, il-Kummissjoni vvalutat jekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni li kellha f'idejha l-ARP fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni, kreditur privat kienx jagħti lill-Crist selfa bħal dik.

(69) Kif deskritt fil-qosor fil-punt nru 33 u f'dawk ta' warajh, il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li qabel ma nħarġet is-selfa l-ARP, f'koperazzjoni ma' esperti esterni, wettqet valutazzjoni fil-fond tal-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-Crist, u li dan wassal biex tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni tal-Crist. Fuq il-bażi tas-sistema interna tagħha, l-ARP ikklassifikat lill-Crist bħala f'qagħda moderata u, skont il-Polonja, dan jikkorrispondi almenu għall-kategorija BB (sodisfaċenti) għall-fini tal-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza.

(70) Rigward il-kollateral, il-Polonja ppreżentat il-valutazzjonijiet kollha tal-esperti u pprovdiet spjegazzjonijiet iddettaljati għal kull wieħed mill-elementi li jikkostitwixxu l-kollateral fuq is-selfa (ara l-punti minn 39 sa 45). Fuq il-bażi ta' dawk il-valutazzjonijiet, li indikaw li PLN […] miljun għandhom jitqiesu bħala l-valur tar-rahan fir-rigward tal-ishma filwaqt li ammont ogħla minn PLN […] miljun seta' jiġi attribwit għall-ipoteka fuq il-baċir xott, u meta wieħed iqis il-kundizzjoni tal-programm li l-kollateral għandu jirrappreżenta mill-inqas 150 % tal-finanzjament, il-valur tal-kollateral tal-Crist ġie kklassifikat mill-ARP bħala moderat u li jipprovdi kopertura tajba għar-riskju ta' kreditu. Minkejja dan, il-Polonja qalet li dan kien jikkostitwixxi mod prudenti ta' kif isiru l-affarijiet, u li l-valutazzjonijiet tal-kollateral li saru minn esperti indipendenti indikaw il-valur għoli tal-kollateral.

([11]) Din is-somma tinkludi PLN 38,2 miljun għaż-żona nru 1 tat-tarzna u PLN 175 miljun għaż-żona nru 2 tat-tarzna.

(71) Finalment, fuq il-bażi tal-livell moderat tar-riskju u tal-kollateral, is-selfa tal-ARP ngħatat b'rata ta' mgħax ta' 6,81 %, li ġiet ikkalkulata bħala s-somma tar-rata bażi (il-WIBOR għal tliet xhur u magħha 1,2 %) u marġni tal-imgħax ta' 1,8 % (ara t-tabella nru 3). Il-Polonja qalet li din ir-rata kienet taqbeż ir-rata minima tal-imgħax jekk tiġi kkalkulata skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza (ara t-tabella nru 6 u l-punti minn 46 sa 49). Il-Kummissjoni tinnota li filwaqt li l-Polonja tuża "livell għoli ta' kollateral" għall-kalkoli tagħha, id-dikjarazzjoni tibqa' tgħodd anki kieku tiġi applikata l-valutazzjoni li tat l-ARP, jiġifieri livell 'moderat' (jew normali) ta' kollateral: ir-rata bażi u magħdudin magħha 220 punt bażi jew 6,69 %.

(72) Bħala rimarka ġenerali, il-Kummissjoni tfakkar li d-dubji preliminari tagħha fir-rigward tal-livell tar-rata tal-imgħax, li kien imniżżel fid-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura, kienu rriżultaw prinċipalment min-nuqqas ta' evidenza dwar il-klassifikazzjoni tal-kumpanija u dwar il-livell tal-kollateral. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li, b'risposta għad-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura, il-Polonja pprovdiet l-informazzjoni rilevanti li l-ARP kellha f'idejha qabel ma ħarġet is-selfa. Barra minn dan, il-Polonja ssottomettiet valutazzjoni *ex post* tal-proprjeta immobbli ipotekata u rapport li ġie ppreparat minn […] wara t-tranżazzjoni iżda fuq il-bażi tal-informazzjoni li kienet disponibbli fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni li tingħata s-selfa.

(73) Rigward il-kollateral, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ffukat fuq jekk il-valutazzjonijiet tal-esperti kinux saru b'mod konservattiv, jiġifieri li investitur privat kien jaċċetta l-kollateral offrut. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li l-valutazzjoni tal-ishma tal-Crist tvarja b'mod sinifikanti skont liema metodu jintuża (ara l-punt 40). Il-Kummissjoni tinnota wkoll il-parir kritiku li ta […] fir-rigward tal-valutazzjoni tal-valur nett tal-assi bħala PLN […] miljun, li tħalli barra għadd ta' fatturi importanti (ara l-punt 45), li mbagħad wassal għal sottovalutazzjoni tal-valur tal-ekwità tal-Crist. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li kemm il-valutazzjoni ta' […] kif ukoll dik ta' […] bl-użu tal-metodu tal-valur preżenti aġġustat jaslu għall-istess konklużjoni (i.e. valutazzjoni ta' ca. PLN […] miljun) u li ż-żewġ esperti indipendenti huma tal-fehma li dak il-metodu għandu jitqies bħala aktar rappreżentattiv. Minbarra li għaddiet dawn il-valutazzjonijiet lill-Kummissjoni, il-Polonja pproponiet li, bħala valur għall-kollateral impoġġi fuq il-baċir xott, tieħu l-valur tal-kontrofferta ta' PLN 166 miljun li tefgħet il-Patia meta saret it-tielet sejħa għall-offerti. Il-Kummissjoni tinnota li tali indikatur jirrappreżenta l-valur li kompetitur tal-Crist kien lest iħallas għall-baċir f'bejgħ furzat ta' dak l-assi.

(74) Mingħajr ma tieħu pożizzjoni dwar liema wieħed mid-diversi rapporti għandu jintgħażel, il-Kummissjoni tinnota li l-ARP kellha f'idejha diversi valutazzjonijiet dwar il-kwalità tal-kollateral offrut, u li kien biss l-aktar waħda pessimista minnhom li kienet tirrappreżenta inqas minn 150 % tas-selfa li kellha tingħata. Kellha f'idejha wkoll rakkomandazzjonijiet ta' esperti li kienu jindikaw li l-kollateral kien biżżejjed biex ikopri r-riskju ta' kreditu.

(75) Dwar il-klassifikazzjoni tal-impriża, il-Kummissjoni vvalutat b'mod kritiku l-evidenza ta' dak iż-żmien li ppreżentat il-Polonja, u li kienet f'idejn l-ARP qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li tinħareġ is-selfa. Il-Kummissjoni tosserva li, fl-analiżi esperta interna li għamlet dwar il-klassifikazzjoni, l-ARP wettqet analiżi kompluta tar-relazzjonijiet tal-impriża Crist li kienet tkopri r-relazzjoni tal-likwidità, il-fatturat, l-assi u l-istruttura tal-kapital kif ukoll il-profittabbiltà. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-ARP kienet tkopri elementi bħal dawn li ġejjin: analiżi tal-fluss tal-flus, tbassir finanzjarju, l-effettività tal-investiment, il-punt tal-fidi, il-vulnerabbiltà tal-proġett fil-konfront ta' fatturi esterni bħar-rata tal-imgħax jew ir-rata tal-kambju.

(76) Il-Kummissjoni tieħu nota wkoll tar-rapport ta' […]. Għalkemm sar wara li t-tranżazzjoni, fih stima ddettaljata tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-Crist u tal-kollateral offrut, fuq il-bażi tal-istess informazzjoni li kellha f'idejha l-ARP fil-mument meta nħarġet is-selfa. Ir-rapport jistma lill-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-Crist bħala kemxejn iktar baxxa minn dik li applikat l-ARP (bejn BB u B). Rigward il-kollateral, ir-rapport huwa tal-fehma li l-valutazzjoni ta' […] fuq il-bażi tal-valur tal-assi tissottovaluta b'mod sinifikanti l-valur tal-ekwità tal-Crist. […] huwa tal-fehma li l-metodu tal-valur preżenti aġġustat huwa aktar konsistenti u jintuża aktar spiss. […] jikkonkludi, fuq il-bażi tal-analiżi li għamel tal-klassifikazzjoni tal-Crist u tal-valur tal-kollateral offrut, li r-rata tal-imgħax fuq is-selfa tal-ARP ma kinitx aktar baxxa mir-rata tas-suq.

(77) Il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk ir-rata tal-imgħax iffissata mill-ARP tikkorrispondix għall-metodoloġija għall-iffissar tar-rati ta' referenza, li l-Kummissjoni tista' tadottaha bħala r-rata tas-suq. Dan il-metodu huwa stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza. Skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza, ir-rata ta' referenza tiġi kkalkulata billi jingħadd marġni flimkien ma' rata bażi li tikkorrispondi għall-IBOR għal sena (ir-rata annwali fis-suq monetarju tal-Istat Membru kkonċernat). Il-marġni li jrid jiġi applikat jiddependi fuq il-klassifikazzjoni tal-impriża kkonċernata u fuq il-kollateral (ara t-tabella nru 6).

(78) Meta wieħed iqis li r-rata bażi għal Settembru 2010 fil-Polonja kienet 4,49 % ([12]), ir-rata tas-selfa mill-ARP (6,81 %) tkun ogħla mir-rata ta' referenza applikabbli jekk, fil-mument meta ngħatat is-selfa:

— il-klassifikazzjoni tal-Crist kienet "baxxa" (B) u l-kollateral "għoli",

— il-klassifikazzjoni tal-Crist kienet "sodisfaċenti" (BB) u l-kollateral kien almenu "normali" jew

([12]) Ir-rata bażi għall-Polonja f'Settembru 2010, ikkalkulata skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza, tinstab f'din il-paġna tas-sit tal-Kummissjoni fuq l-internet: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/reference_rates.html

— il-kollateral kien "baxx" u l-klassifikazzjoni tal-Crist kienet almenu "tajba" (BBB).

Fit-tliet xenarji lkoll kemm huma, ir-rata ta' referenza tkun 6,69 % (4,49 % u 2,20 %) i.e. iktar baxxa mir-rata tal-imgħax tas-selfa mill-ARP (6,81 %).

(79) Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-klassifikazzjoni tal-Crist fil-mument meta nħarġet is-selfa l-agħar li setgħet tkun kien "baxxa" (B). Rigward il-kollateral offrut, anki l-agħar sitwazzjoni possibbli ta' kollateral b'valur ta' PLN […] miljun tirrappreżenta aktar minn 100 % tal-valur tas-selfa u, għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li t-telf stmat li jirriżulta f'każ ta' inadempjenza fil-ħlas tas-selfa (il-loss given default, LGD) qiegħed fil-firxa li ma taqbiżx it-30 %, li tikkorrispondi għal livell għoli ta' kollateral skont id-definizzjoni tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza. Meta wieħed iqis il-kollateralizzazzjoni għolja fuq is-selfa, fl-agħar sitwazzjoni possibbli r-rata tal-imgħax għas-selfa, fil-mument meta saret l-operazzjoni, kellha tkun mhux inqas minn 6,69 % (i.e. ir-rata ta' referenza għall-Polonja, 4,49 % + 2,20 %; ara t-tabella nru 6). Is-selfa tal-ARP ngħatat b'rata ogħla ta' mgħax (6,81 %).

(80) Bħala konklużjoni, l-elementi mressqin quddiem il-Kummissjoni jippermettulha tikkonkludi li, meta ddeċidiet li tagħti s-selfa lill-Crist, l-ARP aġixxiet kif kien jagħmel kreditur privat fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u applikat ir-rata ta' mgħax li kienet tikkorrispondi għar-rata fis-suq.

Il-valur ta' referenza

(81) Fid-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar l-użu tas-selfa tal-Bank […] bħala valur ta' referenza f'dan il-każ. Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni osservat li s-selfa tal-Bank […] kienet differenti mis-selfa tal-ARP minħabba li kienet għal valur bil-wisq iktar baxx u minħabba li kulma għamel il-Bank […] kien li ffinanzja mill-ġdid it-tranżazzjoni li l-Crist kienet inizjalment iffinanzjat minn butha stess. Barra minn dan, il-fehma *prima facie* tal-Kummissjoni kienet li s-selfa tal-ARP kien fiha riskju ogħla meta mqabbla ma' dik tal-Bank […] minħabba li d-dewma tagħha kienet sostanzjalment itwal minn dik ipprovduta mill-Bank […].

(82) Kif deskritt fil-qosor fil-punti minn 50 sa 55, l-awtoritajiet Pollakki tennew il-pożizzjoni tagħhom li kien xieraq li tintuża s-selfa tal-Bank […] bħala valur ta' referenza għas-selfa tal-ARP. Madanakollu, il-Polonja saħqet li tqiesu wkoll elementi oħrajn qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li tinħareġ is-selfa.

(83) Il-Kummissjoni tinnota li d-deċiżjoni tal-ARP li toħroġ is-selfa lill-Crist kienet imsejsa fuq l-analiżi kumplessa li għamlu l-esperti dwar il-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-impriża, li wriet il-profittabbiltà tal-investiment ippjanat u li d-deċiżjoni aktar bikrija ta' istituzzjoni indipendenti tal-finanzjament, il-Bank […], i.e. il-valur ta' referenza inkwistjoni, kienet referenza addizzjonali għall-ARP.

(84) Il-Kummissjoni tagħti kas ukoll tal-fatt li x-xiri tal-baċir xott min-naħa tal-Crist kien ifisser l-ikkompletar tal-linja tal-produzzjoni u, għalhekk, jista' jitqies bħala pass inqas riskjuż fit-twettiq tal-istrateġija kummerċjali minn dak li fir-rigward tiegħu nħarġet is-selfa mill-Bank […]. Meta ġiet approvata s-selfa tal-Bank […], wieħed ma setax jieħdu bħala fatt li l-Crist kienet se tkun kapaċi tagħmel l-aħħar pass fl-investiment ippjanat, i.e. ix-xiri tal-baċir xott. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-iffirmar, fil-perjodu ta' bejn iż-żewġ selfiet, tal-ikbar kuntratt fl-istorja tal-Crist (ivvalutat EUR […] miljun) isaħħaħ il-pożizzjoni tal-impriża meta wieħed iqabel mal-mument li fih ngħatat is-selfa mill-Bank […].

(85) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li, kif intwera middiversi sorsi esterni ta' finanzjament li kienet qed tibbenefika minnhom l-impriża fil-mument meta nħarġet is-selfa tal-ARP, is-settur finanzjarju kellu impressjoni pożittiva tal-potenzjal finanzjarju tal-Crist u tal-kapaċità tagħha li tiġġenera d-dħul.

(86) Issa li d-dubji li tqajmu fid-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura ġew indirizzati, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kundizzjonijiet tas-selfa tal-Bank […], kif ukoll il-fatt li l-Crist kellha aċċess għal sorsi oħrajn ta' finanzjament estern, isaħħu l-konklużjoni li kreditur privat kien jipprovdi lill-Crist b'selfa b'kundizzjonijiet simili għal dawk tas-selfa tal-ARP.

Il-pjan tal-impriża

(87) Fid-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura ġie nnutat li għalkemm, kollox ma' kollox, il-Crist kienet f'qagħda finanzjarja soda meta ngħatatilha s-selfa mill-ARP, il-kontijiet kienu juru li r-riżultati netti tal-impriża kienu ilhom tliet snin fit-triq tan-niżla u s-suq kien ikkaratterizzat mill-kapaċita żejda. *Prima facie,* il-Kummissjoni kellha d-dubji tagħha dwar jekk investitur privat kienx jipprovdi l-finanzjament meta wieħed iqis ir-riskji tas-suq involuti u l-fatt li l-kriżi finanzjarja kienet għadha fl-eqqel tagħha meta ttieħdet il-miżura.

(88) Kif ġie deskritt fil-qosor fil-punti minn 56 sa 60, il-Polonja ressqet aktar spjegazzjonijiet dwar l-elementi li wasslu lill-ARP biex tieħu d-deċiżjoni li toħroġ is-selfa. Dawn kienu jinkludu, *inter alia*, analiżi fi tliet stadji tal-kundizzjoni finanzjarja tal-impriża, li wriet affidabbiltà kreditizja b'saħħitha, u analiżi indipendenti minn […]. Il-Polonja saħqet li r-redditu fuq l-investiment ibbażat fuq il-valur preżenti nett u fuq ir-rata interna ta' redditu kien kbir.

(89) Il-Kummissjoni eżaminat il-valutazzjoni, ipprovduta mill-Polonja, dwar il-profitabbiltà tal-investiment tal-Crist. Din turi li għalkemm fl-aħħar mill-aħħar il-Crist kellha thallas prezz ogħla għall-baċir xott minn dak li kien maħsub fil-bidu (i.e. PLN 175 miljun), il-valuri finanzjarji rilevanti baqgħu għoljin (il-VPN u r-RIR tal-investiment jammontaw għal PLN […] miljun u […] % rispettivament, fuq il-bażi tal-fatti li kienu magħrufin fil-mument meta saret it-tranżazzjoni). Mill-perspettiva ta' investitur privat, dawn ir-riżultati jindikaw li l-Crist kellh pjan tal-impriża sod u li, b'riżultat tal-investiment tagħha, kisbet il-possibbiltà li tingħata kuntratti ġodda fil-qasam tal-inġinerija idroloġika. Fil-fatt, il-valur tal-kuntratti ffirmati kien jindika li l-kumpanija kienet qed tiżviluppa b'pass mgħaġġel.

(90) Il-Kummissjoni tinnota li l-bejgħ u l-attivitajiet operazzjonali tal-impriża kienu jindikaw dinamika pożittiva qawwija. Barra minn hekk, l-awtoritajet Pollakki spjegaw li l-fatt li r-riżultati netti tbaxxew, li kien il-każ biss għal sentejn (l-2008 u l-2009, ara t-tabella nru 4), kien marbut mal-istrateġija kummerċjali l-ġdida tal-Crist. Għalhekk, m'għadx hemm dubji b'rabta mal-valutazzjoni ġenerali pożittiva tar-riżultati finanzjarji tal-Crist.

(91) Rigward id-dubji li tqajmu kaġun tal-kapaċità żejda tas-suq, il-Kummissjoni tosserva li filwaqt li jista' jkun li l-industrija tradizzjonali tal-bini tal-vapuri qed taffronta sitwazzjoni ta' kapaċità żejda, il-Crist, b'konformità mal-istrateġija l-ġdida tagħha stabbilita fil-pjan kummerċjali li ngħata lill-ARP għall-finijiet tal-ħruġ tas-selfa, iġġenerat bejn […] % fl-2009 u […] % fl-2011 tad-dħul tagħha fi swieq li mhumiex dawk tal-bini tradizzjonali tal-vapuri (ara t-tabella nru 1). L-istruttura tad-dħul tal-Crist u l-informazzjoni dwar il-prospetti tal-iżvilupp tal-inġinerija tal-enerġija marittima mir-riħ, li huwa l-qasam prinċipali li fih hija attiva l-impriża, jindikaw li hemm potenzjal għall-iżvilupp.

(92) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-informazzjoni kummerċjali li kien hemm fil-mument tat-tranżazzjoni kien fiha biżżejjed elementi biex investitur privat ikun jista' jasal għall-istess deċiżjoni bħalma ħadet l-ARP.

(93) Din il-valutazzjoni hija kkorroborata mir-riżultati finanzjarji tal-Crist għall-2010-2011 li, bħala parti integrali mill-pjan tal-impriża, issa jistgħu jiġu vvalutati minn perspettiva *ex post*. Għalkemm fl-2010 l-impriża kisbet biss […] % tat-tbassir tagħha fir-rigward tal-bejgħ, ir-redditu ppjanat fuq il-bejgħ u l-marġnijiet tal-profitt nett inqabżu u l-profitt nett iġġenerat mill-Crist ammonta għal PLN 12,6 miljun u kien […] darba ogħla mill-profitt nett li kien ippjanat għal dik is-sena. Fl-2011, ir-riżultati tal-kumpanija komplew jitjiebu b'livelli ta' bejgħ li qabżu ċ-ċifra ppjanata b'[…] % filwaqt li l-profitt nett iġġenerat qabeż it-tbassir b'[…] %. Fi tmiem l-2010 u l-2011, il-karti totali tal-bilanċi kienu ogħla minn kemm kien ippjanat b'[…] % u b'[…] % rispettivament.

L-għoti ta' trattament preferenzjali lill-impriża

(94) Fid-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk ċerti kundizzjonijiet stabbiliti fil-programm kinux ġew irrispettati, u b'mod partikulari dwar jekk il-Crist kinitx eliġibbli taħt il-programm u jekk is-selfa kinitx irrispettat il-limitu massimu impost mill-programm fuq l-intensità (ara l-punt 15).

(95) Il-Kummissjoni tinnota l-ispjegazzjoni tal-awtoritajiet Pollakki li minnhom jirriżulta li l-impriża kienet intitulata għall-finanzjament bħala parti mill-programm u li l-livell tal-finanzjament tal-investiment tal-Crist mill-ARP ma kienx jaqbeż il-limitu massimu ta' 80 % li jimponi l-programm (ara l-punti minn 61 sa 64). B'rabta mat-tieni punt, il-Kummissjoni ċċekkjat li l-limitu massimu, kif deskritt mill-awtoritajiet Pollakki, kien ġie rrispettat ukoll fuq il-bażi tal-informazzjoni li kellha f'idejha l-ARP fil-mument meta ħadet id-deċiżjoni li toħroġ is-selfa: finanzjament ta' PLN 150 miljun għal investiment totali ta' PLN 188,2 miljun ([13]) jirriżulta f'intensità tal-għajnuna ta' 79,7 %.

(96) Fuq il-bażi ta' dawn l-ispjegazzjonijiet, il-Kummissjoni hija tal-fehma li m'għadx fadal dubji dwar jekk investitur privat kienx jagħti s-selfa.

1.2. *Konklużjoni dwar il-vantaġġ li seta' ngħata*

(97) Fuq il-bażi tas-sejbiet imsemmijin hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-impriża ma kisbet l-ebda vantaġġ li ma kellhiex tieħu mill-kundizzjonijiet li bihom inħarġet is-selfa mill-ARP. B'mod partikulari, il-Kummissjoni hija tal-fehma li (i) l-informazzjoni li kellha f'idejha l-ARP kienet tali li investitur privat kien jasal għall-istess deċiżjoni u li (ii) ir-rata tal-imgħax fuq is-selfa tal-ARP tikkorrispondi għar-rata tas-suq.

(98) Minħabba l-fatt li l-elementi li jindikaw l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi, l-assenza ta' wieħed minnhom hija deċiżiva. Għaldaqstant, m'hemmx bżonn li jiġu analizzati l-elementi l-oħrajn identifikati fil-punt 66.

([13]) F'dak il-punt l-ARP ma setgħetx tkun taf li, fil-fatt, l-investiment totali kien se jkun PLN 25 miljun ogħla minn kemm kien maħsub (i.e. PLN 213,2 miljun minflok PLN 188,2 miljun, kaġun taż-żieda fil-prezz imħallas għall-baċir xott).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura, li r-Repubblika tal-Polonja implimentat favur il-Crist S.A., fil-forma ta' selfa ta' PLN 150 miljun b'rata ta' mgħax ta' 6,81 %, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2012.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi President